# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Diċembru 2011

## li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward ta' talba għall-għoti ta' eżenzjoni biex jingħata trattament preferenzjali lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati

(2012/8/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100 u l-ewwel subparagrafu ta' 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) jistipula proċeduri għall-għoti ta' eżenzjonijiet fir-rigward tal-Ftehimiet Multilaterali dwar il-Kummerċ fl-Annessi 1 A jew 1B jew 1C għal dak il-Ftehim u l-annessi għalihom.

(2) Intalbet eżenzjoni, li biha l-Membri tad-WTO jkunu jistgħu jagħtu trattament preferenzjali lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati, mingħajr ma jestendu l-istess trattament għal servizzi u fornituri ta' servizzi simili tal-Membri l-oħra kollha tad-WTO billi b'mod eċċezzjonali jidderogaw mill-obbligu fil-paragrafu 1 tal-Artikolu II tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi.

(3) Huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea li tagħti l-appoġġ tagħha għal dik it-talba għal eżenzjoni u li għalhekk tikkonkludi parti min-negozjati tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp dwar is-servizzi, li hija ta' interess speċjali għall-pajjiżi membri l-inqas żviluppati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO għandha tkun waħda ta' appoġġ għat-talba fil-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għal eżenzjoni li tippermetti lill-Membri tad-WTO jagħtu trattament preferenzjali lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Ġinevra, l-14 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOGAJ